

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9652/22

AGRI 220
AGRILEG 89
FOOD 38
SAN 324
PHYTOSAN 23
VETER 52
ENV 515
CLIMA 246
CODEX 11
WTO 103
RELEX 712

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport dwar l-applikazzjoni tal-istandards tas-saħħa u ambjentali tal-Unjoni għall-prodotti agrikoli u agroalimentari importati

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenza bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-istandards tas-saħħa u ambjentali tal-Unjoni għall-prodotti agrikoli u agroalimentari importati, skedat għal-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd fit-13 ta' Ġunju 2022.

Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kunsill Agrikoltura u Sajd kellu skambju ta' fehmiet dwar il-kwistjoni tat-tishiĥ tal-koerenza bejn il-Patt Ekoloġiku, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-politika kummerċjali biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli¹. Dan l-iskambju segwa d-dibattitu li sar fl-okkażjoni tal-qbil dwar ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), li kien akkumpanjat minn dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew li tistieden lill-Kummissjoni tippreżenta sa Ġunju 2022 rapport dwar l-applikazzjoni tal-istandards tas-saħħa u ambjentali tal-Unjoni għal prodotti agrikoli u agroalimentari importati². Fil-11 ta' Marzu 2022, il-Presidenza, permezz ta' ittra³, fakkret lill-Kummissjoni r-riżultati ewlenin tal-iskambju ta' fehmiet tal-Kunsill, filwaqt li enfasizzat il-ħtieġa li jiġu evitati l-effetti negattivi mhux intenzjonati tat-tranżizzjoni għal sistemi tal-ikel sostenibbli u l-ħtieġa li ssir riflessjoni dwar kif iż-żieda fir-rekwiżiti tas-saħħa u ambjentali applikabbli għall-agrikoltura Ewropea ma titħalliex twassal għal tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni tagħha.

Fit-3 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport imsemmi hawn fuq dwar l-applikazzjoni tal-istandards tas-saħħa u ambjentali tal-Unjoni għal prodotti agrikoli u agroalimentari importati⁴, bi tweġiba għall-istedina konġunta mibgħuta lilha mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew f' Lulju 2021.

Sabiex id-dibattitu dwar ir-rapport tal-Kummissjoni jkun wieħed strutturat, il-Presidenza tipproponi li l-Ministri jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin:

¹ 5887/22.

² 10991/21 ADD1.

³ 7312/22.

⁴ 9651/22.

- 1) *Fil-kuntest tat-tranżizzjoni meħtieġa lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, ir-rapport jikkonkludi li huwa possibbli li ċerti standards tal-produzzjoni tal-UE jiġu estiżi għall-prodotti importati, f'konformità mar-regoli tad-WTO. Fil-fehma tagħkom, liema oqsma speċifiċi (saħħa, ambjent, benessri tal-annimali) għandhom jiġu indirizzati u liema lievi speċifiċi (multilaterali, bilaterali, miżuri awtonomi...) taħsbu li huma l-aktar xierqa?*

 - 2) *Taħsbu li jkun utli li jingħata segwitu għall-azzjonijiet li għaddejjin u dawk ippjanati u, jekk iva, f'liema forma?*
-